**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 9 ta' April 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**Romina Delia**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Romina Delia** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 218075M**,** fejn giet akkuzata talli :

1. Fix-xhur ta' Marzu u April 2021 f'dawn il-gzejjer, bil-hsieb li testorci flus jew xi hag'ohra jew biex taghmel qligh jew bil-hsieb li ggieghel lil persuna ohra tesegwixxi, titiddistrugixxi, tqalleb jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, thedded li taghmel denunzja jew kwerela kontra,

jew li taghti malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra ghad-detriment ta’ Reuben Mizzi ;

2. Fl-istess xhur, lok u cirkustanzi, gabet ruhha b’mod li tat fastidju lil persuna ohra jew gabet ruhah b’mod li kienet taf u/jew missha kienet taf li dan kien ta’ fastidju ghal dik il-persuna u/jew suggettat lil persuna ohra ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u/jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta’ kliem miktuba, stampi, u/jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem u/jew imgiba mhumiex mixtieq mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u/jew intimidataroji lejha, u dan ghad-detriment ta’ Reuben Mizzi;

3. Fl-istess xhur, lok u cirkustanzi, permezz ta xi network jew apparat ta komunikazzjoni elettronika bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil Reuben Mizzi biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, heddidt li takkuza jew taghmel ilment kontra tieghu, jew biex timmalafama lill-istess Reuben Mizzi jew xi persuna ohra;

4. U aktar talli saret recediva ai termini tal-Artikoli 49 & 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali ta` llum stess sabiex din il-kawza titmexxa bir-rit sommarju;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghha u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kienet inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputata iddikjarat li kellha bizzejjed zmien biex terga tirrikonsidra u li fehmet sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u li fehmet wkoll li l-ammissjoni taghha, kif fehmitha din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghha.

**Ikkunsidrat;**

**Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-koperazzjoni taghha, il-kondotta taghha li giet esebita, il-fatt li hija recidiva biss fit-termini ta` l-Artikolu 49 tal-Kap 9, u l-fatt, kif imressaq fis-sottomissjonijiet orali fl-udejnza tallum stess, illi l-imputata kienet disposta tirrifondi l-flus lill-vittma. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha qed jigu riflessi fil-piena ikkontemplata.**

**Konkluzjoni;**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 250(1), 251A(1) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 499(b) tal-Kapitolu 399, ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata fuq ammissjoni taghha stess, hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u tikkundannaha komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sentejn, pero` sospizi ghal erba snin bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.**

**Bis-sahha tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabilta taghha skond din is-sentenza.**

**Bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti tordna lill-ħatja li tħallas lil Reuben Mizzi is-somma ta` €3000 bħala kumpens għal telf minnu soffert u dana fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta` din l-ordni.**

**Skond l-Artikolu 28H(8) tal-Kap 9, l-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbiltà taghha taħt dan l-artikolu jekk hi tonqos li tikkonforma ruħha ma' din l-ordni.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur